**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**Vs**

**Adison Farrugia**
**Brandon Cassar**
**Lee Formosa**

**Illum 12 ta' Gunju 2023**

Il-Qorti,
Rat ir-rikors tal-Prosekuzzjoni tal-24 ta' Mejju 2023 fejn talbet li jigi revekoat id-digriet tal-helsien mill-arrest tat-tlett imputati

Rat ir-risposta tal-imputat Adison Farrugia

Rat li fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2023 l-avukat difensuri tal-imputati Brandon Cassar u Lee Formosa iddikjaraw li r-risposta ta' Adison Farrugia ghandha tghodd ukoll ghal dawn iz-zewg imputati

Rat li fl-istess seduta gie registrat is-segwenti verbal:
*"Id-difiza tirrileva illi hi ma tistghax ittellgha lill-imputati jiddepono ghad-difiza taghhom koncernanti dak indikat fir-rikors tal-prosekuzzjoni peress li jista jaghti kaz li b'hekk jinkriminaw ruhhom u aktar jissoggettaw ruhhom ghall-possibilita ta' akkuzi godda fil-konfront taghhom. Per konsegwenza jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti li f'dan l-istadju tippronunzja ruhha fuq l-eccezzjoni legali ga sottomessa"*

Ikkunsidrat:

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kevin Gatt** deciza fil-15 t' April 2008, il-Qorti Kostituzzjonali trattat kwistjoni simili. F' dik is-sentenza il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:

*"6 … … Qabel l-introduzzjoni, permezz ta' l-Att XVI tal-2006, tas-subartikoli (2) sa (4) fl-Artikolu 579, persuna li tkun inhelset mill-arrest preventiv taht garanzija u li taghmel xi wahda mill-affarijiet imsemmija fl-Artikolu 579 – li allura ma kellux subartikoli – kienet, kif appena Qorti ta' Gustizzja Kriminali tikkonstata bhala fatt li avverat ruhha xi cirkostanza imsemmija f'dik id-disposizzjoni, titlef ope legis is-somma msemmija fl-obbligazzjoni, u, inoltre, dik il-Qorti kienet obbligata li tohrog mandat ta' arrest kontra taghha… …*

*7… … Is-subartikoli (2) sa (4) tal-Artikolu 579 – introdotti, kif inghad, permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006 – biddlu s- sitwazzjoni billi, oltre ghall-procedura stabbilita fis- subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, introducew procedura gdida. Illum il-ksur ta' kundizzjoni imposta mill-qorti fid- digriet li bih tkun tat il-helsien mill-arrest[3] <u>jammonta wkoll ghal reat[4].</u> Bhal f'kull reat il-konsegwenza hija piena.… …*

*9 … … S'intendi, il-prosekuzzjoni dejjem jibqalha l-ghazla li, flok ma tipprocedi fuq akkuza ta' reat skond is- subartikoli (2) u (3) tal-Artikolu 579, tipprocedi b'semplici rikors quddiem il-qorti kompetenti skond is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, u cioe` ghall-kostatazzjoni tal-fatt tal- ksur jew ta' kundizzjoni tal-qorti jew ta' kundizzjoni statutorja biex, jekk dan jigi stabbilit, ikun hemm id- dikjarazzjoni li s-somma tghaddi favur il-Gvern u l-imputat jew akkuzat jigi riarrestat. Pero`, ghalkemm tali procedura ma hiex procedura ghas-sejbien ta' htija dwar reat, u l- konsegwenzi (jekk ikun hemm, cioe` jekk ma jigix applikat il-proviso aktar 'l fuq imsemmi) ma jistghux jitqiesu bhala "piena" jew "pieni", hija l-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti li wara tali procedura il-prosekuzzjoni ma tkunx tista' tipprocedi kriminalment kontra l-imputat jew akkuzat skond l-imsemmija subartikoli (2) u (3) tal-imsemmi Artikolu 579. Dak li hu deciziv biex jigi determinat jekk ikunx hemm l-ostakolu tan-ne bis in idem ravvizat fl- Artikolu 39(9)*

*[3] Jekk "kundizzjoni statutorja" imsemmija fl-Artikolu 579(1) ma tkunx giet inkluza b'xi mod fl-imsemmi digriet, is-subartikolu (2) ma japplikax.*
*[4] Delitt, mhux kontravvenzjoni, in vista tal-fatt li l-piena hija multa (mhux ammenda) jew prigunerija (mhux detenzjoni), jew multa u prigunerija flimkien*

*tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni ma hux il-klassifikazzjoni tal- procedura jew in-natura taghha, daqs kemm* ***l-effett*** *taghha fuq il-persuna koncernata. L-effett tat-telf tal- helsien mill-arrest b'mod indefinit – u bl-ostakolu ta' l-Artikolu 581*[7] *tal-Kodici Kriminali – kif ukoll il-konfiska tas- somma ghandha l-effett daqs ta', jekk mhux aktar minn, piena fuq l-imputat jew akkuzat li jkun ... ....''[sottolinear ta' dik il-Qorti]*

Fid-dawl tal-insenjament fuq espost huwa ovvju li s-sottomissjoni tad-difiza li r-reat kontemplat fl-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali jimpedixxi lill-Pulizija li titlob ir-revoka tal-helsien mill-arrest taht l-Artikolu 579(1) hija legalment infondata. Dak li ma tistax taghmel il-Prosekuzzjoni huwa illi tistitwixxi z-zewg proceduri – *selecta una via non dato recorsus ad alteram* – ghax hemm l-ostakolu tan-ne bis in idem.

Isegwi wkoll li hu legalment skorrett li jinghad li l-imputati ma jistghux jiddefendu lilhom infushom f'dawn il-procedori ghax jekk jixhdu jafu jinkriminaw ruhhom fi proceduri ohra fil-konfront taghhom, stante li kif diga inghad la darba l-Prosekuzzjoni ghazlet li titlob ir-revoka tal-helsien mill-arrest f'dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni hija issa legalment impedita li tistitwixxi proceduri kriminali kontra l-imputati taht l-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali

Ghaldaqstant iz-zewg sottomissjonijiet tad-difiza qed jigu michuda

**Dr Marse-Ann Farrugia LL.D.**
**Maġistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**

---

[7] *581: "Fil-kaz imsemmi fl-artikolu 579, lill-arrestat ma jistax jerga' jigi moghti l-helsien mill-arrest fl-istess kawza." Dwar din id-disposizzjoni, pero`, ara s-sentenza ta' din il- Qorti tas-27 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet Dr. Patrick Spiteri v. L-Avukat Generali u l- Kummissarju tal-Pulizija.*